MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1085/1996/1

**Stephen Bonsfield**

**Vs**

**Emanuel Camilleri; u b'digriet tat-2 ta' Frar 1998, Omnibus Pool giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis***

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fit-18 ta' Novembru 1995 waqt li l-istanti kien isuq *motor cycle* Yamaha numru P-1466 f'Rahal Gdid, hu safa nvolut f'habta mal-*bus* numru Y-2515 u l-istess *motor cycle* garab hsarat;

Premess illi ghall-incident kien jahti l-konvenut minhabba mprudenza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti izda l-konvenut injora s-sejha ta' l-istanti ghall-hlas tad-danni;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident u konsegwenzjali danni;

2. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istanti l-ammont hekk likwidat bhala dovut in linea ta' danni;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Jannar 1996 u dawk ta' l-ittra ufficjali tal-lum lill-assikuraturi tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 (Allcare Insurance Agency Ltd noe) u bl-imghax minn notifika ta' dana l-att kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat bl-att tac-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh tal-kawza, baqa' ma pprezentax in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat id-digriet tat-2 ta’ Frar 1998 li permezz tieghu gie akkordat l-intervent tal-kawza ta’ Omnibus Pool;

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri tal-partijiet li saret fl-udjenza ta’ l-10 ta’ April 2000;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Mill-provi prodotti jirrizulta illi fit-18 ta' Novembru 1995 fil-vicinanzi tar-*roundabout* tac-Cimiterju ta' l-Addolorata avverat habta bejn *motor cycle* misjuq mill-attur u *private bus* misjuqa mill-konvenut. L-attur ried imur fid-direzzjoni tat-telgha li taghti ghal Santa Lucija mentri l-konvenut ried imur lejn Rahal Gdid;

L-attur (fol. 49) jghid li hu kien qed isuq fil-*lane* tan-nofs, u precizament fit-tieni kareggjata fost l-erba' kareggjati li hemm hdejn ix-Shipbuilding Complex. Kien sejjer ghad-dritt biex jaqbad ir-*roundabout*, idur maghha u jaqbad il-via li taghti ghal Santa Lucija. Huwa jghid li fuq il-lemin tieghu, fit-tielet kareggjata kien hemm il-*bus* li huwa qabez qisu tul ta' karozza. Is-sewwieq tal-*bus* gibed ghal fuqu u laqtu fuq il-parti ta' wara tal-mutur. F'din il-versjoni l-attur hu sostenut minn Angela Bugeja (fol. 71) li dakinhar kienet *pillion rider* fuq il-mutur;

Minn naha tieghu l-konvenut (fol. 82) jaghti versjoni opposta ghal dik ta' l-attur. Huwa jghid li kien fuq il-*lane* ta' gewwa nett qed isuq wara *charabanc*. Meta din waqfet fil-*bus stop* biex tghabbi xi passigiera huwa xeghel l-*indicator* u dahal fit-tieni kareggjata. Rega' xeghel l-*indicator* biex jissenjala li ried idur fuq ix-xellug, u kif beda jaghmel din il-manuvra sema' daqqa fuq il-vettura tieghu;

Jigi rilevat illi minn dakinhar ta' l-incident it-topografija tal-lokalita` nbiddlet xi ftit billi illum hemm it-*traffic lights*. Essenzjalment pero` ghal dak li jista' jitqies l-element krucjali u cjoe l-erba' kareggjati qabel ma taqbad ir-*roundabout*, it-triq baqghet l-istess. Naturalment illum it-*traffic lights* ittrasformaw il-lokalita` minn kif kienet fis-sens li kuntrarjament ghal kif jiddeskriviha s-surgent PS 679 Saviour Camilleri (fol. 37) it-triq ma baqghetx "bla kontroll". Dan necessarjament ifisser illi allura l-lokalita` kienet tali li timponi aktar kawtela fuq is-sewwieqa li jkunu qed jaghmlu uzu minnha;

Ghal dik li hi responsabilita` ghall-incident il-qofol tal-provi hu limitat, tista' tghid, ghax-xhieda taz-zewg sewwieqa involuti fl-incident, l-okkorrenza u l-iskizz esebit mis-surgent tal-Pulizija fuq imsemmi li nvestiga l-incident;

Jidher ovvju li tezisti kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar liema kareggjata kienu qed jaghmlu uzu minnha antecedenti ghas-sinistru. Kif fuq manifest, skond l-attur hu kien ghaddej fit-tieni kareggjata u l-*bus* fit-tielet wahda. Dan jikkontrasta mal-versjoni tal-konvenut li jsostni li hu kien qieghed fit-tieni *lane* u l-attur kien f'dik ta' gewwa vicin il-hajt estern tal-Malta Shipbuilding. Ix-xhieda ta' l-imsemmi Surgent ma hi ta' l-ebda ghajnuna f'dan il-kuntest billi, kif mistqarr minnu in kontro-ezami, huwa ma ftakarx ezatt liema *lane* kien qed isuq fiha l-attur;

Hi x'inhi, il-habta jirrizulta li sehhet fil-kareggjata minn fejn kien ghaddej l-attur, tant li mill-isketch l-posizzjoni tax-xarabank tal-konvenut kienet ikkavallat proprju l-*lane* utilizzata mill-attur. Din hi haga certa;

Il-kompitu tal-Qorti hu allura limitat ghall-indagini fir-rigward ta' min fost il-kontendenti kien fi htija ghall-incident. Id-determinazzjoni ta' din il-htija tohrog mhux tant minn dak li ddeponew iz-zewg kontendenti li, kif muri, f'aspetti singolari - l-uzu tal-kareggjati u tad-danni riportati - jikkuntrastaw sew, izda mill-indikativi ta' fatt li kienu jemanu mit-topografija ta' fejn sehh l-incident. Fuq kollox, ir-regoli li kellhom jiggwidaw il-kondotta fis-sewqan taghhom;

Huwa logiku li jinghad li l-attur kellu l-obbligu li juza prudenza meta kien qed javvicina r-*roundabout* biex jassikura ruhu minn dak kollu li kien qed isir quddiemu u fejn mehtieg jakkorda precedenza lil min ikun lahaq qablu. Ovvjament dan ma jfissirx li kellu jistenna li haddiehor jaqsam minn quddiemu;

Issa fil-kaz *de quo* l-attur jafferma li hu kien lahaq ir-*roundabout* qabel il-konvenut u kien dan ta' l-ahhar li minn *lane* iehor dahal fil-*lane* tieghu u laqtu fuq wara;

Fil-fehma tal-Qorti kemm jekk kien fit-tieni *lane*, kif isostni hu, kemm jekk kien fit-tielet *lane*, kif dikjarat mill-attur, il-konvenut htieglu juza ferm aktar attenzjoni meta kien ser jaqleb minn *lane* ghall-iehor u addirittura jitraversa orizzontalment il-*lane* li minnha kien ghaddej l-attur;

Jirrizulta li ghal certu tragitt tat-triq il-vejikoli kienu qed jinsaqu ghad-dritt fl-istess direzzjoni. Jekk allura l-konvenut ried jibdel din id-direzzjoni biex imur fi triq ohra kien jinkombi fuqu li jaccerta ruhu mhux biss mill-intenzjonijiet ta' l-attur izda li l-kareggjata li htieglu jaqsam kienet libera. Dan mhux biss ghax kien ser jitraversaha izda wkoll, stante in-natura u d-dimensjonijiet tal-vettura li kien qed isuq, is-sewqan tieghu, minhabba forsi wkoll vizwali diskreta, kien jiddettalu jkun gwarding li ebda vettura jew mutur ma kienu gejjin mill-kareggjata li ried jaqsam;

Fost l-elementi li jinducu lill-Qorti tati affidament lill-versjoni ta' l-attur huwa rilevanti mbaghad l-accertament tal-hsarat li jirrizultaw ukoll mill-provi u li jillustraw ahjar id-dinamika ta' l-incident;

Id-daqqiet riportati fil-mutur ta' l-attur oggettivament jistabilixxu li d-daqqa fuq il-mutur giet minn wara. L-impatt jidher li kien fis-*silencer* tal-mutur mentri l-hsara fuq ix-*charabanc* kienet fil-*mudguard* ta' quddiem in-naha tal-lemin. Dan kif jinghad fl-okkorrenza u kif stabbilit fid-dokument a fol. 13 tal-process;

Il-posizzjoni ta' dawn id-daqqiet ma jistghux, fl-opinjoni tal-Qorti, jirrikonciljaw u jikkonvergu mal-konsiderazzjoni affermata mill-konvenut illi kien il-mutur li ta daqqa fuq ix-*charabanc*;

Il-Qorti ghalhekk tasal b'konvinciment, fil-kwadru shih tal-provi, ghal konkluzjoni li r-responsabilita` ghall-incident ghandha tkun addebitata lill-konvenut. Il-Qorti hi fil-fatt sodisfatta li l-kawza prossima u immedjata ta' l-incident kien il-mod inkonsult ta' kif il- konvenut iddecieda li jaqleb minn karreggjata ghall-ohra;

Kwantu ghall-irjus tad-danni konfermati mill-attur a fol. 16 tal-process, dawn ma gewx ikkontestati mill-konvenut u ghalhekk ser jigu akkordati.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-Ewwel Talba Attrici u tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident *de quo* u ghad-danni skaturati minnu;

Tilqa' t-Tieni Talba billi tillikwida d-danni fl-ammont ta' elf erba' mija u erbatax-il lira Maltija, sitta u tletin centezmu (Lm1414.36,0), kif hekk jirrizulta mid-dokumenti minn fol. 11 sa 14 tal-process;

Tilqa' it-Tielet Domanda u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hawn likwidat in linea ta' danni, bl-imghaxijet mid-data ta' din is-sentenza;

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenut. L-intervjenti in kawza jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tieghu proprji.

--------------------------------TMIEM--------------------------------